31986R0568

IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KEE) Nru. 568/86
ta' l-24 ta' Frar 1986
dwar l-applikazzjoni tal-Protokoll Nru 4, anness ma' l-Att ta' Adeżjoni ta' Spanja u tal-Portugal, fil-konfront tal-mekkaniżmu għall-responsabbiltajiet addizzjonali fil-qafas tal-ftehim ta' sajd konkluż mill-Komunità ma' pajjiżi terzi

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidra l-Att ta' Adeżjoni ta' Spanja u tal-Portugall, u b'mod partikolari l-Protokoll Nru 4 anness miegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni,

Billi l-Att ta' l-Adeżjoni pprovda għall-istabbiliment ta' arranġamenti speċifiċi għall-prodotti ta' sajd miksuba bħala kompliment ta' l-attivitajiet ta' sajd taħt il-ftehim ta' sajd konkluż mill-Komunità ma' pajjiżi terzi;

Billi dan ir-Regolament japplika biss għall-bastimenti msemmija fil-Protokoll Nru 4; billi hu xieraq li jiġi speċikat li l-bastimenti in kwistjoni huma dawk li huma reġistrati fi Stat Membru tal-Komunità u jtajru l-bandiera ta' dak l-Istat;

Billi kriterja għandha tiġi mfissra biex jiġu ffissati l-kwantitajiet ikkonċernati filwaqt li jiġu allokati fost l-Istati Membri, fuq naħa, u fost l-impriżi diversi kkonċernati, fuq in-naħa l-oħra;

Billi għandhom jiġu stabbiliti kondizzjonijiet biex jirregolaw l-introduzzjoni fit-territorju tal-Komunità tal-prodotti koperti b'dawn l-arranġamenti,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli ġenerali dwar is-sistema speċifika għall-eżekuzzjoni ta' l-attivitajiet magħmula bħala kompliment għall-attivitajiet tas-sajd meħudha minn bastimenti reġistrati fi Stat Membru tal-Komunità u li jtajru l-bandiera ta' dak l-Istat, f'ibħra li jaqgħu taħt is-sovranità jew fil-ġurisdizzjoni ta' pajjiż terz, hawnhekk iżjed 'il quddiem msejħa bħala "ibħra", fil-qafas ta' responsabbiltajiet maħluqa skond il-ftehim ta' sajd konkluż mill-Komunità mal-pajjiżi terzi kkonċernati, kif imfissra mill-Protokoll Nru. 4 ta' l-Att ta' Adeżjoni ta' Spanja u tal-Portugall.

Artikolu 2

1. Dawn l-arranġamenti għandhom jgħoddu biss għal persuni naturali jew ġuridiċi stabbiliti fil-Komunità li jħaddmu bastiment tas-sajd waħedhom kif imsemmija fl-Artikolu 1.

2. Kull persuna msemmija fil-paragrafu 1 li tapplika għall-arranġamenti għandha jkollha:

(a) awtorizzazzjoni bil-quddiem ta' l-importazzjoni maħruġa mill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "awtorizzazzjoni"; u

(b) liċenzja tas-sajd maħruġa mill-awtoritajiet tal-pajjiż terz konċernat li jagħti aċċess għall-ibħra tiegħu u għar-riżorsi tagħhom.

Artikolu 3

Il-kwantitajiet imsemmija fil-paragrafu 3 tal-Protokoll Nru 4 għandhom ikunu mqassma proporzjonalment fost l-Istati Membri fuq il-bażi tal-volum disponibbli tal-qbid allokat lilhom fl-ibħra tal-pajjiżi terzi konċernati, waqt li tiġi kkunsidrata l-importanza relattiva ta' kull kategorija ta' prodott hekk imqassma fil-possibbiltajiet totali ta' sajd allokati fl-ibħra tal-pajjiżi terzi konċernati.

Artikolu 4

1. L-awtoritajiet kompetenti ta' kull Stat Membru għandhom iqassmu b'mod proporzjonali, fost il-persuni diversi koperti bl-arranġamenti msemmija fit-tieni paragrafu tal-Protokoll Nru 4, il-kwantitajiet ta' prodotti li l-importazzjoni tagħhom tista' tkun awtorizzata mill-Istat Membru konċernat taħt dawn l-arranġamenti.

2. Jistgħu jinħarġu awtorizzazzjonijiet jew darba kull sena biex ikopru l-kwantitajiet kollha allokati lill-applikant jew b'mod gradwali matul is-sena bi tnaqqis parzjali suċċessiv mill-kwantità allokata sakemm din ta' l-aħħar tkun intużat kollha.

3. L-applikant għandu jippreżenta lill-awtoritajiet kompetenti l-kuntratt konkluż ma' l-impriża(/i) fil-pajjiż terz kkonċernat jew kull evidenza meqjusa bħala ekwivalenti mill-istess awtoritajiet.

Artikolu 5

1. Qabel l-għaxar ġuranta ta' kull xahar, Stati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni statistiċi dwar awtorizzazzjonijiet maħruġa matul ix-xahar ta' qabel.

2. Stati Membri għandhom jinformaw lill-Kummissjoni, fuq talba tagħha, dwar kull każ fejn ġiet irrifjutata l-awtorizzazzjoni, flimkien mar-raġunijiet għal dan ir-rifjut, b'referenza għat-termini stabbiliti f'dan ir-Regolament.

Artikolu 6

1. Prodotti tas-sajd li jaqgħu taħt il-Kapitlu 3 tat-Tariffa Doganali Komuni, kif imsemmija fl-ewwel inċiż tat-tieni paragrafu tal-Protokoll Nru 4, li huma miksuba fit-territorju ta' pajjiż terz minn hut shiħ, frisk jew imkessaħ, maqbud b'bastiment kif imsemmi fl-Artikolu 1 u mniżżel fit-territorju ta' dak il-pajjiż terz jista' jiġi

rilaxxat għal ċirkolazzjoni liberali fit-territorju doganali tal-Komunità taħt eżenzjoni parzjali jew totali mit-taxxi ta' l-importazzjoni.

2. L-awtorizzazzjoni għandha tistabbilixxi l-kondizzjonijiet li jirregolaw attivitajiet ta' proċessar, u b'mod partikolari:

— il-kwantitajiet ta' prodotti li se jiġu mniżżla direttament fit-territorju tal-pajjiż terz kkonċernat,

— il-kwantitajiet ta' prodotti tas-sajd imsemmija fil-paragrafu 1, jew ta' prodotti ekwivalenti, li se jingħiebu fis-swieq tal-Komunità bħala parti mill-ko-effiċjenti ta' l-ipproċessar applikabbli għall-attivitajiet li se jsiru jekk il-ko-effiċjenti huma magħrufa jew, jekk dan infalli, għall-informazzjoni disponibbli fil-Komunità fir-rigward ta' attivitajiet ta' l-istess tip.

3. L-ammont ta' kull taxxa ta' l-importazzjoni li hu miġbur għandu jkun id-differenza bejn:

(a) l-ammont ta' taxxi ta' l-importazzjoni applikabbli għall-prodotti tas-sajd imsemmija fil-paragrafu 1 rilaxxati għal ċirkolazzjoni libera; u

(b) l-ammont ta' taxxi ta' l-importazzjoni li jkunu applikabbli għall-ħut imsemmi fil-paragrafu 1, neċessarji biex jinkisbu l-prodotti tas-sajd rilaxxati għal ċirkolazzjoni libera, kieku ġew minn pajjiż fejn kienu l-oġġett ta' attività ta' proċess u ġew rilaxxati għal ċirkolazzjoni libera fid-data ta' l-aċċettazzjoni tad-dħul għal rilaxx għal ċirkolazzjoni libera tal-prodotti tas-sajd. L-ammont ta' dawn it-taxxi, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa l-ammonti li għandhom jitnaqqsu', għandhom jiġu ddeterminati skond il-paragrafu 4.

4. L-ammont li għandu jitnaqqas għandu jiġi kkalkolat skond il-kwantità u l-ispeċi tal-ħut sħiħ, frisk jew imkessaħ, li jitniżżlu fit-territorju tal-pajjiż terz.

Il-kalkolat li għandu jittieħed f'konsiderazzjoni għall-kalkolazzjoni ta' dan l-ammont għandu jkun il-valur tal-ħut fid-data ta' l-aċċettazzjoni tad-dħul għar-rilaxx għal ċirkolazzjoni libera tal-prodotti msemmija fil-paragrafu 3 (a).

Artikolu 7

1. Ħut sħiħ, frisk jew imkessaħ, maqbud b'bastiment tas-sajd li ma jtajjarx il-bandiera ta' Stat Membru, mgħobbija jew trasbordati abbord bastiment kif imniżżel fl-Artikolu 1, proċessati jew le skond il-kondizzjonijiet imniżżla fit-tieni inċiż tat-tieni paragrafu tal-Protokoll Nru 4, jistgħu jiġu rilaxxati għal ċirkolazzjoni libera fit-territorju doganali tal-Komunità taħt eżenzjoni parzjali jew totali mit-taxxi ta' l-importazzjoni.

2. It-taxxa ta' l-importazzjoni li tista' tiġi miġbura fuq rilaxx għal ċirkolazzjoni libera ta' prodotti li jaqgħu taħt il-Kapitolu 3 tat-Tariffi Doganali Komuni u li huma miksuba minn ħut kif imniżżla fil-paragrafu 1 għandha tkun determinata u imposta kif ġej:

(a) il-valutazzjoni tad-dwana li għandha tintuża għad-determinazzjoni ta' l-ammont għat-taxxi ta' l-importazzjoni li għandhom ikunu miġbura għandha tkun dik ta' ħut sħiħ, frisk jew imkessaħ, ta' l-ispeċi li minnhom inkisbu l-prodotti dikjarati għal ċirkolazzjoni libera, għax tkun iddeterminata taħt ir-regoli dwar il-valutazzjoni ta' merkanzija għall-iskopijiet tad-dwana jekk l-istess ħut jiġi ppreżentat fl-istat tali kwali fl-uffiċċju tad-dwana fejn jiġu konklużi l-formalitajiet għar-rilaxx għal ċirkolazzjoni libera;

(b) ir-rata tat-taxxa ta' l-importazzjoni għandha tkun dik li qed tiġi applikata fid-data ta' l-aċċettazzjoni tad-dħul mill-awtoritajiet tad-dwana għar-rilaxx għal ċirkolazzjoni libera jew fid-data ta' kwalunkwe att li għandu l-istess effetti legali bħal din l-aċċettazzjoni, skond ir-regoli fis-seħħ, għal ħut sħiħ, frisk jew imkessaħ, ta' l-ispeċi li minnhom inkisbu l-prodotti mdaħħla għal ċirkolazzjoni libera.

Artikolu 8

1. L-attivitajiet kollha magħmula skond dawn l-arranġamenti għandhom jissemmew fil-ġurnal t'abbord tal-bastimenti kkonċernati.

2. Fl-aħħar ta' kull perjodu ta' sajd li għalih inħarġet liċenzja tas-sajd u mhux aktar tard minn kull perjodu mqatta' fl-ibħra tal-pajjiż terz ikkonċernat, il-kaptan tal-bastiment in kwistjoni għandu jikkomunika lill-awtoritajiet ta' pajjiżu estratt mill-ġurnal t'abbord.

3. Stati Membri għandhom jikkomunikaw din l-informazzjoni lill-Kummissjoni wara verifikazzjoni xierqa.

Artikolu 9

Regoli dettaljati biex jiġu applikati dawn l-arranġamenti, u, b'mod partikolari, il-proċeduri għal koperazzjoni amministrattiva li tħalli l-kontroll ta' l-attivitajiet li jsiru barra mit-territorju tad-dwana tal-Komunità, għandhom ikunu stabbiliti u l-kwantitajiet ikkonċernati għandhom jiġu ddeterminati skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 33 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru. 3796/81 tad-29 ta' Diċembru 1981 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-prodotti tas-sajd [1], kif l-aħħar emendata bir-Regolamenti (KEE) Nru. 3655/84 [2].

Artikolu 10

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

[1] ĠU L 379, tal-31.12.1981, pġ. 1.
[2] ĠU L 340, tal-28.12.1984, pġ. 1.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fl-24 ta' Frar 1986.

Għall-Kunsill

Il-President

G. BRAKS